Minuti tal-laqgħa numru wieħed u għoxrin (21) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2026 fil-5.20pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| UFFIĊJALI: | Is-Sur Paul Bugeja | Accountant |

21.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** Ittri ta' Apoloġija

Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, ppresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien. Is-SE qal illi rċieva e-mail mingħand is-Sur Terrence Sant sabiex ikun skużat. Dan kien skużat mil-kunsillieri preżenti. Is-SE informa lill-kunsillieri li s-Sur Paul Grech kien bagħtlu messaġġ fuq Whatsap li kien ġej tard, pero' dan ma tfaċċax sa stmiem il-laqgħa.

F'dan il-punt, is-Sur Matthew Chetcuti talab biex jitniżżel li kien skużat għal-laqgħa ta' Jannar 2026

21.07 **Unaudited Financial Statements 2025** Unaudited Financial Statements 2025

Tressqet mozzjoni ta' proċedura biex jinbidel ix-xogħol tal-kamra. Dan sabiex jiġi ttrattat item 21.07 qabel kollox biex ikunu diskussi l-*Unaudited Financial Statements 2025* qabel il-kumplament tal-*items* l-oħra fuq l-agenda. Din il-mozzjoni għaddiet unanimament u l-Accountant, is-Sur Paul Bugeja spjega l-kontenut tal-Unaudited Financial Statements 2025 bir-reqqa u bil-mod (mhux tekniku) li bih jifhmu l-kunsillieri. Kien innutat li l-Kunsill Lokali tar-Rabat għamel *surplus* ta' €332,069 u l-Balance Sheet turi Total Reserves and Liabilities ta' €2,335,213. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva l-Unaudited Financial Statements 2025 b'vot unanimu.

21.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru tmintax, dsatax u għoxrin** Minuti

Il-minuti tas-seduti numru tmintax, dsatax u għoxrin kienu meħuda b'moqrija u dawn ġew unanimament approvati u ffirmati bil-korrezzjonijijet li jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali. Fost il-

korrezzjonijiet kien hemm il-post li semma' is-Sur Nazju Cassar f'punti oħra fejn talab li jingħata l-konkos mil-Kunsill quddiem garage fi Triq il-Buskett.

21.03 **Ċedola tal-Pagamenti 378** Ċedola tal-Pagamenti

Din l-iskeda kienet approvata b'vot unanimu wara li ttieħdet b'moqrija bil-proponent u s-sekondant li ffirmaw fuq il-kopja oriġinali tal-istess skeda.

21.04 **Ċedola tax-Xogħlijiet, Servizzi u x-Xiri numru 96** Ċedola tax-Xiri, Servizzi u Xogħlijiet

Din l-iskeda kienet approvata b'vot unanimu wara li ttieħdet bħala moqrija u kienet iffirmata mil-proponent u s-sekondant skont kif muri fuq il-kopja oriġinali.

Permezz tagħha kien magħżul id-Data Protection Officer li hu Dr Mula peress li mil-istimi li nġiebu dan kien l-orħos wieħed. Is-SE spjega li kull Kunsill Lokali hu obbligat li jkollu dan is-servizz skont il-liġijiet ta' Malta u saħansitra kitbilna l-Kummissarju tad-Data dwar dan. L-ewwel laqgħa ma' Dr Mula saret illum u kienet miftuħa għall-istaff.

21.05 **Proposta għal Creation of a digital twin design, build and publish a 3D rendered graphic model showing external and internal views.** MTA

Is-SE bagħat din il-proposta mal-agenda li saret mis-Sur Gorg Borg D'Anastasi sabiex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jottjeni fondi mill-Awtorità tat-Turiżmu (MTA). Dan ġie l-uffiċċju jitkellem dwar dan mas-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-SE kif ukoll darba oħra ma' uffiċjali tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Din l-inizjattiva tinvolvi *Religious Tourism Trail* tal-postijiet prinċipali fiċ-Ċentru storiku tar-Rabat. Din il-proposta kienet approvata b'vot unanimu u se nkomplu niddiskutu mas-Sur Gorg Borg D'Anastasi u mal-MTA dwar dawn il-fondi.

21.06 **Agreement – Inclusion Hub ma' Aġenzija Support** Inclusion Hub

Id-draft riċenti ta' dan l-agreement kien diskuss peress li l-kunsillieri ingħataw kopja mal-agenda. Dan l-agreement jitkellem fuq it-twaqqiegħ tal-kmamar f'Għajn Qajjet fejn hu mistenni li l-Aġenzija Support ittella' l-binja tal-Inclusion Hub biex jibda' jintuża mil-Kunsill Lokali tar-Rabat u wkoll mill-istess Aġenzija Support. Id-diskussjoni kienet iffukata fuq il-ġranet u l-ħinijiet li din il-binja hija mistennija tkun disponibbli kemm għall-Kunsill Lokali tar-Rabat kif ukoll għall-Aġenzija. Is-Segretarju Eżekuttiv għamilha ċara li l-binja ser tibqa' proprjetà tal-Kunsill u l-ispiża kapitali ser toħroġ kollha mill-Aġenzija Support.

** Is-Sur Norbert Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa kif fil-fatt kien.

21.08 **Permessi tal-Festa ta' San Ġużepp (kabbani u mwejjed u siġġijiet)** Kabbani u mwejjed u siġġijiet

Il-lista tal-permessi tal-Festa ta' San Ġużepp tas-sena l-oħra kienet ippreżentata mis-SE mal-Agenda. Din kienet diskussa. Fost il-punti li tqajmu kien hemm il-permess ta' ċertu Robert Caruana li jbiegħ il-Qubbajt għaliex dan għandu xi sitt permessi. Wieħed minnhom li jinsab quddiem Kenn Ġużeppin, Triq San Pawl, ir-Rabat, kien diskuss mis-Sur Rudolph Grima li qal li ġie avviċinat minn sid ta' Bar bl-isem *Confessions* li xtaq joħroġ xi mwejjed u siġġijiet għall-ewwel darba. Is-SE qal li diġa' din il-persuna bagħat e-mail u wieġbu lura li hemmhekk tintrama' *stall.* Is-Sur Rudolph Grima qal li dan lest li jarma f'nofs it-triq għal ħin qasir fil-festa. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li din il-posta tista' tkun ta' xkiel għall-marċ x'ħin joħroġ minn Triq Indri Borg għal Triq San Pawl minkejja li s-Sur Matthew Chetcuti qal li s-Segretarju tal-Każin, is-Sur Adrian Zahra ma għandux oġġezzjoni dwar din il-posta addizzjonali. Inġibdet l-attenzjoni minn xi kunsillieri illi issa hemm problema dwar din il-posta quddiem Kenn Ġużeppin minħabba li hemmhekk fetaħ ħanut tas-Souvenirs.

21.09 **Ħruġ ta' offerta pubblika għal-tqegħid ta' madum/lava** Ħruġ tal-Offerta Pubblika

Id-dettalji ta' dan it-tender li l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu tħejja mil-kumpanija tal-Perit Thomas Tanti u l-kumplament mis-SE, u kien meħud b'moqri peress li dan kien mgħoddi mal-Agenda. Kien hemm qbil unanimu biex toħroġ din l-offerta pubblika skont id-dettalji li kienu għall-iskrutinju tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

21.10 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika (Ġonna Zone 1)** Ġonna Zone 1

Ir-rapport kien mgħoddi mad-dokumenti tal-agenda u għalhekk ittieħed bħala moqri. Din l-offerta pubblika se tingħata lil Green Ivy u l-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel b'vot unanimu.

21.11 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika (Ġonna Zone 2)** Ġonna Zone 2

Ir-rapport kien mgħoddi mad-dokumenti tal-agenda u għalhekk ittieħed bħala moqri. Din l-offerta pubblika se tingħata lil IO Projects u l-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel b'vot unanimu.

21.12 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika (Ġonna Zone 3)** Ġonna Zone 3

Ir-rapport ma kienx preżentat għaliex qed nistennew tweġiba għal klarifika minn bidder, fuq xewqa tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

21.13 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika tat-Tabelli u s-Sinjali u Marki tat-Traffiku** Tabelli u Sinjali

Ir-rapport kien mgħoddi mad-dokumenti tal-agenda u għalhekk ittieħed bħala moqri. Din l-offerta pubblika se tingħata lil Alexander Cassar u l-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel b'vot unanimu.

21.14 **Żvilupp fil-Wied t'Għeriexem** PA1313/08

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq din il-problema li biha se jkun hemm preċedent ikrah; li bih se jitħassar il-Wied t'Għeriexem. Hu informa lill-Kunsill illi l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet ordni ta' nfurzar biex jieqaf l-iżvilupp għaliex sid ir-razzett

m'għamel xejn f'dawn is-snin kollha u dan jikkostitwixxi ksur ta' kundizzjoni tal-permess. Għaldaqstant, issa ma għadx hemm l-urġenza li jsir il-Mandat ta' Inibizzjoni u l-Kawża. Fil-frattemp avviċinajna lill-Kunsilli Lokali tal-Imdina u tal-Imtarfa dwar dan il-permess. Kien espress lilhom li minħabba ċirkustanzi strambi ħafna il-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kellux iċ-ċans isemmà leħnu. Għaldaqstant, il-Kunsill se jistenna u jara jekk dan hux se jappella jew inkella japplika mil-ġdid għal permess mal-Awtorità tal-Ippjanar.

21.15 **Punti Oħra**

21.15.01 Issemmiet il-bibita għal Każini tal-Banda li saret is-sena l-oħra għall-ewwel darba. Din se tkun repetuta u se ssir nhar il-15 ta' Marzu, 2026 waqt il-marċ tat-tfal li jkun għaddej minn quddiem il-Kunsill Lokali tar-Rabat. Bibita

21.15.02 Is-Sur Matthew Chetcuti semma' lment li l-familja Galea daħlilhom l-ilma tax-xita fi Triq Pierre Muscat fejn il-makna tal-Ġwież. Hu kompla jżid jgħid illi fuq il-bankina trabba' ħafna ħass tal-ilma u trid tinbarax għaliex issa ġiet tiżloq ħafna. Il-post hu ftit 'il bogħod minn fejn il-familja li daħlilha l-ilma tax-xita. Ilmenti fi Triq Pierre Muscat

21.15.03 Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq ilment tas-Sur Tony Micallef fejn kien hemm rapport ta' sewqan bi speed eċċessiv fi Triq San Piju. Is-Sindku, irrimarka li sfortunatament ma kienetx approvata *barrier* minn Transport Malta minkejja li kienet saret talba mill-Kunsill f'ismu. Intant, se jsiru *road markings* ġodda. Intqal ukoll illi qabel tkun approvata u teħel *speed bump* ġdida, irid ikun hemm in-no objection tal-ġirien minħabba ħsejjes. Triq San Piju

21.15.04 Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar sewqan eċċessiv fi Triq Antonio Nani fejn joqgħod l-Imħallef. Hu qal li din jimmeritaha speed bump għaliex kien hemm xi ħadd li ħareġ bil-kelb mingħajr ċinga u qatluhulu b'daqqa ta' vettura. Speed Bump

21.15.05 Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar il-bżonn li jingħata l-konkos fi Triq il-Buskett quddiem il-garage li ssemma fil-korrezzjoni tal-minuti fil-bidu tal-laqgħa. Konkos

21.15.06 Is-Sur Nazju Cassar ta permess biex il-ħaddiema tal-Kunsill jagħtu n-numru tiegħu lil min ikun jixtieqυ għax qal li darba ġie wieħed ifittxu u l-ħaddiema ma tawhx in-numru u sofra xi danni privati minħabba f'hekk. Hu qal li fil-ġimgħat li għaddew talab in-numru tal-mobile phone tas-Sur Brian Caruana, li hu ħaddiem tal-Kunsill u l-ħaddiema tal-uffiċċju ma tawhulux. Hu qal li dawn ma setgħux jagħmlu hekk. Is-SE qal li dak il-ħin stess ċempel hu stess lis-Sur Brian Caruana li tkellem mas-Sur Cassar. Madankollu dan għandu d-dritt li ma jagħtix in-numru tiegħu lill-kunsillieri. (Rimarka: Lanqas is-SE m'għandu n-numru tat-telefon tal-istaff klerikali Numri tat-telefon

kollha filwaqt li l-ħaddiema tal-front office għamlu rapport kontra s-Sur Nazju Cassar bil-miktub)

21.15.07 Is-Sur Nazju Cassar fakkar li inkisret mera (fost ħafna oħrajn) fi Triq Bieb ir-Ruwa kantuniera ma' Triq Landrijiet li jinħtieġ li tkun mibdula minnufih għax hemm kantuniera kerha ferm u jista' jaħbat xi ħadd. Mera

21.15.08 Is-Sur Nazju Cassar talab li jsir it-tindif fi Triq Ħaż-Żebbuġ il-Qadima. Tindif

21.16 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-25.3.26 fil-5.30pm u din il-laqgħa spiċċat fit-20.00pm

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25 ta' Marzu, 2026 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku